Strument Uniku fl' Oratorio - San Publju ta' Malta

Minn Anthony Piscopo

Il-Festa tal-Pajżan tagħna San Publju ilha tiġi ffestiġjata ħmistax fuq l-Għid il-Kbir għal dawn l-aħħar mija u sitta u ħamsin sena, għax qabel kienet issir fil-21 ta' Jannar, u neħħi xi okkażżjonijiet rari li l-Parroċċa ma kellhiex kontroll fuqhom, il-festa kienet tiġi trasferita kif proprju din is-sena qed nittrasferuwa minħabba ż-żjara tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI.

Fil-Festa ta' din is-sena qed infakkru wkoll l-400 sena meta San Publju kien ġie ddikjarat Patrun ta' Malta u kif inhu xieraq huma bosta l-attivitajiet li qed isiru biex ifakkru dan l-avveniment kemm fil-Furjana u kemm fi bnadijiet oħra fi gżiritna bl-iskop li l-Qaddis Publju jkun aktar magħruf fostna l-maltin.

Is-Societa' Filarmonica Vilhena ma baqgħetx lura u nhar it-tlieta 13 t'April fil-Katidral ta' l-Imdina ser itellgħu l'Oratorio San Publju ta' Malta, kitba ta' Chris Vella l-Vici President ta' l-istess socjeta' u kompożizzjoni tas-Surmast direttur Mro. Michael Borg. Minbarra li l-orkestra ser tkun komposta minn il'fuq minn 40 strument, fiha ser naraw u nisimgħu strument ċkejken li qatt ma ndaqq fl-ebda banda u li warajh għandu storja li jien qed nikteb f'nofs Marzu li għadda kont ġejt mitlub mid-direzzjoni ta' l'Oratorio biex fil-qosor nikteb din il-ġrajja li fil-Furjana kienet seħħet 56 sena ilu.

Kienet xewqa kbira ta' missirijietna l-Furjaniżi li fil-kampnar tal-knisja Arcipretali tan-naħa ta' Barcellonetta ikun fih qanpiena li tkun magħrufa bħala l-qanpiena l-kbira u għalkemm mal-medda tas-snin kienu saru bosta attentati biex dan il-ġhan jintlaħaq, kellha tkun il-ġenerozita' tal-Furjaniż is-sur Manuel Cassar, negozjant magħruf bil-parapett armat bl-iskrappjar tal-ħadid wara s-sur fejn flokha llum naraw il-Binja Vilhena, kif ukoll bil-ġenerożita' tal-poplu furjaniż kif tgħid l-iskrizzjoni bil-latin imnaqxa fil-qanpiena li tfisser hekk



Qanpiena
Li twiddeb il-fidili t-talb 'l Alla jgħollu
Bil-ġenerożita' ta' Manuel Cassar u tal-Poplu Furjaniz magħmula
'l Marija SSma. Omm tal-Grazzja
U l'Sant'Antnin ta' Padova.
Mikiel Gonzi Arcisqof ta' Malta
Fi żmien l-Arċipriet Anton Debono
Iddedika A. D. MCMLIV.

Kien ta' ferħ kbir għalina li ghexna dak iz-zmien li kellna x-xorti naraw il-qanpiena akkompanjata mil-Banda Vilhena ddur mat-toroq ewlenin tas-Subborg kif ukoll il-konsagrazzjoni tagħha mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u t-tlugħ fil-kampnar taħt id-direzzjoni ta' l-istess benefattur is-Sur Cassar li kien ukoll il-parrinu tagħha, kif jixhdu dawn ir-ritratti.

Meta nkiteb l-Oratorio u ġiet komponuta l-mużika, il-ħsieb taż-żewg kittieba kien li bejn it-tieni u t-tielet att, id-daħla tat-trijonf ta' l-orgni jsir f'liema knisja jsir l'Oratorio, jindaqqu daqs minuta w nofs tokki bil-qanpiena l'kbira, iżda meta ġew biex isir fil-knisja Katidrali, kien hemm risposta fin-negattiv minħabba li jista' jinqala xi preċedent.

L-Oratorio – San Publju ta' Malta

Iżda t-tokki laħqu nkitbu kemm fil-versi u kemm fil-mużika u ma kienx faċli għaż-żewg kittieba li jaqlawhom mill-iscript, pero' id-diriġenti sabu soluzzjoni oħra. Kienu kellmu lis-sinjura Rose Marie Stafrace, bint is-sur Manwel, li mill-ewwel aċċettat li jużaw il-mudell tal-bronz tal-qanpiena li għandna fil-kampnar kif tidher fir-ritratt.

Wisq probabbli li meta dan il-ktieb Programm tal-Festa jitqassam bħal kull sena fid-djar Furjaniżi, l'Oratorio jkun diġa' sar, iżda jista' jkun hemm xi ħadd li jirrapurtah f'dan l-istess ktieb jew f'dak tas-sena d-dieħla.

Għax dan l-artiklu ktibtu xahar qabel li l'Oratorio San Publju ta' Malta sar fil-Katidral ta' l-Mdina, irrid nieħu l-okkazjoni li nawgura kull suċċess lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ser jieħdu sehem fih.



France Bonett mal-Qanpiena L-Antika

Franco Davies BSc (Hons), SRP, Dip (Itec)
Mob: 7970 8712
davies@maltanet.net
Physiotherapist

Jawgura Il - Festa T-Tajba
Lill-Furjaniżi Kollha

TeleFonika
Hi - Fi & MOBILE CENTER
e.mail: telefonika@yahoo.com
Zabbar Road Fgura (opp.Fgura Cinema)

Tel:2180 7107